**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A LL.D.**

**Illum 23 ta' Ottubru 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Antonio Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Antonio Grech** detentur ta' karta tal-identita' numru 0424468M:

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-29 ta' Settembru 2019 u l-30 ta' Settembru 2019 gewwa l-isptar Mater Dei li jinsab tal-Qroqq, Msida;

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-hin u sar ghad-detriment ta' Sinjura Carmelina Campion ta'

66 sena, persuna anzjana jew adult dipendenti skond artikoli 257D (1)(c) tal Kap 9.

2) U aktar talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li ghamel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bhala sommarji;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat Mario Vella huwa akkuzat talli bhala mpjegat tal-isptar Mater Dei bhala *nurse* huwa abbuza mid-dmirijiet tieghu u seraq ammont ta' flus mill-basket ta' Carmelina Campjon illi kienet rikoverata fl-istess sptar meta huwa kien xoghol fis-sala fejn kienet rikoverata hi.

**<u>XHIEDA</u>**

Xehed l-Ispettur **<u>Mario Xiberras</u>** li xehed li fl-ewwel (1) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) is-CID kienu nfurmati b'serqa li kienet sehhet bejn id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru u t-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-MIU Ward f'Mater Dei.

Huwa qal illi r-rapport sar fit-tletin (30) ta' Settembru wara nofsinhar. L-allegat vittma kienet stqarret ma' PC 818 illi kienet rat *nursing aid* li gie identifikat bhala l-imputat li kienet talbitu ghall-*comode* u wara li kienet ghamlet il-kumditajiet taghha kixfet il-purtiera rat lill-imputat johrog idejh mill-basket taghha li kien qieghed hdejn is-sodda. Hija rrapurtat illi l-ghada wara nofsinhar kienet indunat li kienu naqsulha s-somma ta' sittin ewro (€60). Hija qalet ukoll illi l-imputat kien qallha li kien jismu Richard.

L-Ispettur Xiberras jghid ukoll illi kienet saret ID Parade u s-Sinjura Campion kienet gharfitu. Illi b'dan pero' illi l-imputat innega kollox fl-istqarrija tieghu.

Xehdet ukoll is-Sinjura **Carmelina Campion** fejn hija kkonfermat li kienu nsterqulha xi flus mill-portmoni. Hija tghid li dan sar meta hija kienet fuq it-*toilet* wara l-purtiera u mbaghad wara nofsinhar indunat li kienu nsterqulha.

Fil-kontroezami hija stqarret testwalment:

> ***"Hemm imbaghad qalli mhux ahjar tmur it-toilet qabel ma tidhol fis-sodda ha tissetilja? Ghidtlu ahjar. Gabli l-comode u harisli mill-purtiera in a funny way. . . .Mir-ras tas-sodda gieghelni nohrog ghall-comode, which is very odd u lili qalli oqghod hemmhekk sakemm tispicca ghajjatli, itqumx.. . . U jien ghidtlu heqq ghamilt li qalli hux hekk. Kont baghtuta ma stajtx nimted at that point. Issa mbaghad hassejtni ghajjiena hafna ghax kont imfarrka kont isfel fuq stretcher exetra. Imbaghad eh ghamilt hekk jiena biex indur biex nimted ftit u nara jdejh in my bag."***

Hija tghid illi ndunat li nsterqulha l-flus wara nofsinhar. Fuq domanda ohra inkontroezami hija tghid illi fil-portmoni kellha sebghin ewro (€70) u dan sabiex thallas id-dawl u nsterqulha sittin (60). Hija

baqghet issostni illi rat idu hierga mill-basket izda ma tghidx jekk ratx idu bil-flus.

Xehdet ukoll **Audrey Mansueto** illi tirraprezenta l-isptar Mater Dei u li kkonfermat illi l-imputat Antonio Grech jahdem l-isptar Mater Dei bhala *nursing aid* u li kien *duty* nhar id-disa' u ghoxrin (29) ta' Settembru elfejn u dsatax (2019) ghal tnax (12) il-siegha bejn is-sebgha ta' filghaxija (19:00) u s-sebgha ta' filghodu (7:00).

Xehed ukoll **PC 818 Joseph Farrugia** li qal illi fit-tletin (30) ta' Settembru wara nofsinhar fl-erbgha (16:00) baghtu ghalih mill-isptar Mater Dei fejn is-Sinjura Campion ghamlet rapport li xi hadd hadilha xi flus. Dan jghid li mbaghad ghamel rapport izda l-kaz ma nvestigahx hu.

**PS 90 Jeffrey Gerada** bhala surgent fis-CID li kienu hadu *over* peress li fil-passat kien hemm diversi serqiet mill-isptar Mater Dei u jiftakar li s-Sinjura Campion kienet qaltlu kif persuna li kien jahdem hemm kien hadilha xi flus u li dan kien qalilha li jismu kien **Raymond.** Wara stharrig irrizultalhom li din il-persuna kien l-imputat u wara li wrieha diversi

ritratti hija kienet gharfet lill-imputat Antonio Grech (Dok. MX5).

Finalment xehed l-imputat **Antonio Grech** li kkonferma li hu jahdem bhala *nursing aid* fl-isptar Mater Dei u dakinhar tal-allegat incident kien l-MIU. Huwa kkonferma li kellu x-xift ta' bil-lejl u li l-pazjenta inkwistjoni dahlet fil-*ward* f'xi s-saghtejn neqsin kwart (1:45) ta' filghodu. Hija kienet akkumpanjata mas-Sinjur taghha. Hadilhom xi ftit cafe' u *sandwich* u wara xi ghaxar minuti rega' cempel il-*buzzer* u s-Sinjura Campion talbitu l-*comode*.

L-imputat qallha s-segwenti:

> ***"jiena dak il-hin ghidtilha nista nghidlek naqra jekk jghogbok? Ghidtilha faccata tieghek hemm it-toilet, ghidtilha tista tmur sat-toilet inti la la inti imxejt fuq saqajk? Ghidtilha ghax hemm hekk, skuzi taghmel in-number two ha tnitten sala. Ghax din hija kurutur, bla twieqi hlief condition m'hemmx".***

Huwa kompla jghid:

> ***"qaltli int dak xogholok. Qaltli qed nitolbok biex iggibli l-commode, u dawwar il-purtiera. Ghidtilha jien ghandi ordni li l-purtieri, fl-ebda hin ma nistghu indawruhom hekk hlief meta jigi it-tabib biex johodlok l-ebg tad-demm."***

Huwa jghid illi peress li ma setax idawwar il-purtiera mar ghal *nurse* mara li dak il-hin kienet it-*toilet* u din qaltlu li lis-Sinjura kienet ser tiehu hsiebha hi meta tlesti. Huwa jghid illi s-Sinjura Campion kienet irrabjata u qaltlu li kienet ser tirrapurtah. L-imputat jikkonferma illi f'kull hin kien hemm is-Sinjur tas-Sinjura Campion.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-fatt illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi certi dettalji sabiex jaghtu dawl aktar ghal kif graw verament l-affarijiet flimkien mal-fatt illi x-xhieda tal-parte civile kienet wahda daqsxejn inkonsistenti u xi daqqiet imfixkla ma taghmilhiex facli ghal din il-Qorti tiddeciedi b'certa serenita' a favur il-prosekuzzjoni.

Dan ghaliex il-prosekuzzjoni; fil-fehma ta' din il-Qorti; naqset milli ttella' lill-*partner* tas-Sinjura

Campion bhala xhud. Xhieda ohra mportanti kienu l-kollegi tal-istess imputat sabiex jiddeskrivu l-procedura adottata meta jasal pazjent. Dawn l-elementi kollha kienu mankanti sabiex tintwera stampa cara ta' dak li seta' gara. Inoltre kif diga' nghad, ix-xhieda tas-Sinjura Campion ma ghenitx sabiex jigu ccarati certi dubji u dan meta mqabbla mad-depozizzjoni tal-imputat li kienet pjuttost cara u inekwivoka. Ghaldaqstant tali dubji ghandhom imorru a favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Antonio Grech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**